

Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6499/23

SOC 117
EMPL 76
SAN 84

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

1. Il-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ser jiskadi fil-31 ta' Marzu 2023¹.
2. Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/126², il-mandat tal-membri u tal-membri supplenti għandu jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġi mġedded. Mal-iskadenza tal-mandat tagħhom jew fil-każ tar-riżenja tagħhom, il-membri u l-membri supplenti għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġġeddu l-ħatriet tagħhom jew sakemm jiġu ssostitwiti.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (ĠU C 135, 11.4.2019, p. 7).

² Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58).

3. Skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/126, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżentaw il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem tal-Istati Membri jinħatru mill-Kunsill minn fost il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal perjodu ta' erba' snin. Il-kompożizzjoni tal-membri tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol iggēddet l-aħħar fl-24 ta' Frar 2022³.
4. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva proposti għall-ħatra ta' membri u membri supplenti mill-Istati Membri u tal-kelliema tal-gruppi rispettivi fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Abbażi ta' dawn il-proposti, tħejja abbozz għal Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 6498/23⁴, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill:
- (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, bħala punt "A", u
- (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).

⁴ Test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.